TIBDIL TA' KUNJOM

DEED POLL

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 10**
**Rikors Guramentat Numru : 389/2016/LSO**

**L-Avukat Dr. Ramona Azzopardi (I.D. 2584G) bhala mandatarja specjali ta' Carmel Azzopardi sive Charles John Pace (Passaport Awstraljan Nru.: N5616625)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dr Ramona Azzopardi (I.D. 2584G) bhala mandatarja specjali ta’ Carmel Azzopardi sive Charles John Pace datat 16 ta’ Mejju 2016 fejn esponiet: -

Illi l-attur, bin Joseph Azzopardi u Vincenza Azzopardi nee’ Pace, twieled fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Settembru tal-elf disa’ mija wiehed u hamsin (1951) gewwa x-Xewkija, Ghawdex;

Illi fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu (kopja m’hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A), l-attur inghata l-ismijiet ta’ ‘Carmel, Pasquale, Saviour’ u l-isem ta’ ‘Carmel’ bhala l-isem li ghandu jkun imsejjah bih;

Illi barra minn hekk huwa awtomatikament inghata l-kunjom ta’ missieru u cioe` dak ta’ ‘Azzopardi’;

Illi l-attur flimkien mal-familja tieghu emigra lejn l-Awstralja fl-elf disa’ mija erbgha u hamsin (1954) fejn ghadu jghix sal-gurnata tal-lum;

Illi meta temm l-iskola u beda jahdem fil-hajja ta' kuljum tieghu l-attur beda juza l-isem u l-kunjom ta' 'Charles John Pace' minflok dak ta' 'Carmel Azzopardi' u dan ghaliex 'Charles John Pace' kien hafna aktar facli sabiex jinftiehem u jigi pronunzjat gewwa l-Awstralja fejn il-lingwa ewlenija hija dik Ingliza;

Illi wara numru ta' snin maghruf bhala 'Charles John Pace', fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija wiehed u sebghin (1971) huwa formalment irrinunzja u abbanduna kompletament il-kunjom patern ta' 'Azzopardi' u minfloku addotta ufficjalment il-kunjom matern ta' 'Pace';

Illi dan sar permezz ta' *statutory declaration ai termini* ta' *Section 17* tal-*Australian Registration of Deeds Act (1987)* (kopja m'hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B);

Illi minn dakinhar 'l hemm l-attur qatt ma rega' uza l-isem u l-kunjom ta' 'Carmel Azzopardi' u huwa konsistentement maghruf bhala 'Charles John Pace', tant hu hekk, illi kemm fic-certifikat taz-zwieg, fil-passaport u fil-licenzja tas-sewqan, mahrugin mill-awtoritajiet Awstraljani (kopji m'hawn annessi u mmarkati bhala Dok. C, D u E) huwa indikat bhala 'Charles John Pace';

Illi huwa evidenti illi c-certifikat tat-twelid mahrug mill-awtoritajiet Maltin mhux qieghed jirrifletti r-realta' u qieghed jikkreja konfuzjoni mad-dokumentazzjoni ufficjali mahruga mill-awtoritajiet taz-zewg pajjizi u cioe` dawk ta' Malta fejn

twieled l-attur u dawk tal-Awstralja fejn l-attur ilu jghix ghal dawn l-ahhar tnejn u sittin (62) sena;

Illi infatti peress li fuq ic-certifikat tat-twelid l-attur huwa indikat bhala ‘Carmel Azzopardi’ meta applika ghall-passaport ma’ l-awtoritajiet Maltin dan inhareg fuq l-isem u l-kunjom ta’ ‘Charles Azzoppardi’ (kopja m’hawn annessa u mmarkata bhala Dok. F) mentri fuq dak mahrug mill-awtoritajiet Awstraljani huwa indikat bhala ‘Charles John Pace’;

Illi ghalhekk l-attur jixtieq jirregola il-posizzjoni tieghu u li jsiru l-korrezzjonijiet relattivi fic-certifikat tat-twelid bin-numru: 629/1951 (sitta, tnejn, disgha, zbarra, elf disa’ mija, wiehed u hamsin) sabiex dan jigi jirrifletti r-realta’ tal-fatti u ma tkomplix tigi krejata din il-konfuzjoni.

Ghaldaqstant ir-rikorrent *nomine* umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-ismijiet tal-attur fil-kolonna *‘Ismijiet moghtijin’* fic-certifikat tat-twelid, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru sitta tnejn disgha’ (629) tas-sena elf disa’ mija wiehed u hamsin (1951) ghandhom ikunu ‘Charles John, Pasquale, Saviour’ u mhux ‘Carmel, Pasquale, Saviour’;

2. Tiddikjara illi l-isem tal-attur fil-kolonna *‘Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha’* fic-certifikat tat-twelid, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-

numru sitta tnejn disgha' (629) tas-sena elf disa' mija wiehed u hamsin (1951) ghandu jkun 'Charles John Pace' u mhux 'Carmel' jew 'Carmel Azzopardi';

3. Tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru sitta tnejn disgha' (629) tas-sena elf disa' mija wiehed u hamsin (1951) billi taht il-kolonna *'Ismijiet moghtijin'* il-kliem 'Carmel, Pasquale, Saviour' jigu sostitwiti bil-kliem 'Charles John, Pasquale, Saviour';

4. Tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru sitta tnejn disgha' (629) tas-sena elf disa' mija wiehed u hamsin (1951) billi taht il-kolonna *'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* il-kelma 'Carmel' jew il-kliem 'Carmel Azzopardi' jigu sostitwiti bil-kliem 'Charles John Pace';

U dan salv kull provvediment iehor u opportun li jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Lulju 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta' Gunju 2016 (fol 36) fejn bil-ġurament

tiegħu Dr Byron Camilleri kkonferma filwaqt li ddikjara illi huwa jaf bil-fatti hawn esponsti personalment:

1. Illi fl-ewwel lok u mingħajr preġudizzju, l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili u għalhekk qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppublikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża *a tenur* tal-**artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi fit-tieni lok, jekk l-attur jrid li din l-Onorabbli Qorti tordna li jsir bdil fl-att tat-twelid u jrid ukoll li dan il-bdil jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv tal-istess rikorrenti, hu għandu jispeċifika eżattament l-atti ta' l-istat ċivili li fihom huwa jrid li tali bidla, jekk tiġi akkordata minn din l-Onorabbli Qorti, tiġi riflessa;

3. Illi fir-rigward tal-bdil ta' l-isem minn "Carmel" għal "Charles John" l-esponent jirrileva illi żgur m'hemmx żball li jista' jiġi debitat lil intimat Direttur. Ir-rikorrent irid juri illi hu konsistentement kien magħruf b'dak l-isem. F'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li kien hemm bdil ta' isem kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti jrid iressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew jippreżenta affidavits li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu

ossia li tul ħajtu huwa kien konsistentement msejjaħ bħala Charles John u mhux Carmel;

4. Illi fir-rigward tal-bdil fil-kunjom *ai termini* tal-artikolu 4(3) tal-Kap 16, ulied fiz-zwieg jiehdu awtomatikament il-kunjom ta` missierhom u li mieghu jistghu izidu kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha. Dan l-artikolu ma jghidx li persuna tista' tieħu l-kunjom ta' l-omm biss ladarba r-rikorrent twieled fiż-żwieġ.

5. Illi ghalkemm l-ligi tipprovdi ghal-sitwazzjonijiet fejn persuna tista' tbiddel isimha jew kunjomha, dan ma japplikax f`kazijiet meta dak li jkun jibda jaghmel uzu minn kunjom differenti kappriccjozament. Kif tghallem is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet *Nardu Balzan Imqareb vs. Direttur tar-Registru Pubbliku* tat-30 ta` Gunju 2004:

***Premessi dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' dritt in subjecta materia, ma jidhirx illi fl-istat tal-ligi Maltija dak li jkun jista' bis-semplici volonta` tieghu jippretendi li jista' jibdel kunjomu jew jezigi rettifika f' dan is-sens anke jekk ghalih ikun jissarraf bhala xi sinjal distintiv ta' l-identita` tieghu. Kif rilevat proprju fis-sentenza fl-ismijiet "Karmnu Balzan Imqareb -vs- Margaret Mortimer nomine", Appell Civili, 20 ta' Novembru 1971, "ma huwiex regolari, fis-silenzju tal-ligi taghna, li marte proprio wiehed jadotta kunjom gdid jew kapriccjozament ivarja kunjomu fil-mentri li jinsab registrat taht kunjom iehor"***

6. Illi fil-kaz odjern ghandna sitwazzjoni fejn ir-rikorrent matul hajjtu ghazel *di sua sponte* li jaghmel uzu minn kunjom ommu xebba. Ghalkemm, skont ir-rikors promotur l-azzjoni tar-rikorrenti hija mibnija fuq l-artikolu 253(2) tal-Kap 16, dan l-artikolu jaghti s-seta` li ssir talba gudizzjarja sabiex ikun hemm bidla limitatament fl-isem u mhux fil-kunjom ukoll. Dwar dan fis-sentenza appena citata l-Onorabbli Qorti qalet:

*L-Artikolu 253 tal-Kodici Civili, ghal liema l-konvenut jaghmel espressa referenza kemm fl-eccezzjonijiet tieghu kif ukoll fis-sottomissjonijiet, jippresupponi zewg konsiderazzjonijiet* ***. Il-wahda, li jirreferi restrittivament ghal talba ghall-korrezzjoni fl-isem biss, u t-tieni nett, illi si tratta ta' att vizzjat minhabba xi rregolarita`;***

*It-talba hawn proposta mill-attur ma titrattax minn talba ghal sanatorja ghax kunjomu gie indikat zbaljatament fl-att tat-twelid izda minn pretiza li mal-kunjom originarju tieghu jzid l-agguntiv "Imqareb".* ***Jekk hemm bzonn jerga' jigi ripetut, fl-istat attwali tal-ligi s-semplici xewqa jew volonta` ta' dak li jkun mhix sufficcjenti biex kien min kien jippretendi bi dritt li ghandu jigi modifikat l-istat anagrafiku tieghu;***

*7.* Illi mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u

kwindi huwa m'għandhux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 20 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Ian Vella Galea ghall-attrici u Dr Ariana Falzon ghad-Direttur Intimat li ddikjarat li m'ghandhomx provi ulterjuri. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Dr Falzon irrimettiet ruhha ghall-provi migbura billi hemm qbil li l-provi jissodisfaw ir-rekwiziti legali ghar-rikonoxximent tad-*deed poll* li sar fl-esteru. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-10 ta' Novembru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza istitwita *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** saret debitament skont il-Ligi nhar it-23 ta' Mejju 2016 (fol 19 tal-process), u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Illi l-intimat oppona ghat-talba rikorrenti billi eccepixxa li persuna ma jistax ibiddel ismu kapriccozament, u giet kkwotata gurisprudenza f'dan ir-rigward. Illi gie kkwotat ukoll l-artikolu 4(3) tal-Kap 16 li jipprovdi li l-ulied fiz-zwieg, jiehdu awtomatikament il-kunjom tal-missier, li mieghu jista' jizdied kunjom l-omm, izda l-ligi ma tghidx li persuna tista' tiehu kunjom l-omm biss ladarba jkun twieled fiz-zwieg. Inoltre, inghad ukoll, li kwalunkwe korrezzjoni mitluba mir-rikorrent certament m'ghandhiex tkun addebitata lill-intimat *stante* li ma sar l-ebda zball da parti tal-intimat.

Il-**fatti** tal-kaz huma fil-qosor is-segwenti. Ir-rikorrent twieled f'Malta nhar is-26 ta' Settembru 1951 u c-certifikat tat-twelid hu esebit bhala **Dok A** (fol 5). Illi peress li hu twieled f'Malta u l-genituri tieghu kienu mizzewgin, hu nghata awtomatikament il-kunjom ta' missieru 'Azzopardi'. Jirrizulta li l-attur emigra lejn l-Awstralja fl-1954, u minn dak iz-zmien ilu juza l-isem u l-kunjom "Charles John Pace" minflok Carmel Azzopardi billi hu adottata l-kunjom ta' ommu, peress li kien jinftiehem ahjar. Illi fl-1971, irrinunzja formalment ghall-isem u kunjom originali tieghu permezz ta' *Australian Registration of Deeds Act*, **Dok B** (fol 6). Jirrizulta wkoll, li sussegwentement ghal dan, f' April 2016, hu ghamel dikjarazzjoni statutorja ohra, permezz ta' "Deed Poll", (fol 29-32) li giet irregistrata fl-Awstralja (fol 33). Esebixxa wkoll dokumenti ufficjali, bhall-kopja tal-passaport, ic-certifikat taz-zwieg mahrug minn New South Wales datat id-19 ta' Dicembru 2006 u tal-licenzja tas-sewqan fl-Awstralja li juru l-isem "Charles John Pace".

**Provi:**

Xehed ir-rikorrent permezz ta' affidavit (fol 21) fejn ikkonferma l-kontenut tar-rikors guramentat. Spjega li hu adotta l-isem Charles John Pace, (il-kunjom ta' ommu) u rrinunzja ghall-kunjom ta' missieru peress li kien jinftiehem ahjar hemmhekk. Spjega li sa mill-1971, diga kien irrununzja ghall-kunjom patern, u dan sar formalment permezz ta' Dok B esebit. Qal ukoll, li hu sa mill-1954 dejjem ghex l-Awstralja, u m'ghandu l-ebda proprjeta` Malta, izda l-passaport Malti li nghata nhareg bil-kunjom 'Azzopardi', u ghalhekk, qed jipprocedi b'dan il-kaz peress li ma jaghmilx sens li jkun maghruf b'zewg ismijiet differenti f'zewg pajjizi.

Esebixxa dikjarazzjoni solenni ta' **Benjamin Djekovic,** *legal practitioner,* (fol 29) f'New South Wales fejn spjega l-effett tad-*deed poll* skont il-ligi Awstraljana. Skont din id-dikjarazzjoni "*A deed poll is a legal document involving only one party and was traditionally used in Australia to evidence a change of name. .. In order to authenticate the name change and create an official record, such a Deed can then be registered at the Land Titles Office in New South Wales in the General Register of Deeds pursuant to the Registration of Deeds Act 1825...I have examined the original Deed Poll of Charles John Pace (formerly Azzopardi) a certified copy of which is annexed hereto and marked "**B**". The Deed Poll bears the stamp of the*

*Registrar General evidencing that it is officially recorded on the General Register of Deeds."*

Ikkonkluda:

"*It is my opinion that the Deed Poll complies with all the necessary requirements for evidencing a change of name and that Charles John Azzopardi did effectively change his surname from Azzopardi to Pace by way of deed Poll on 8 June 1971."*

Inoltre afferma li kien jirraprezenta lir-rikorrent regolarment tul l-ahhar 25 sena u konsistentement kien maghruf bl-isem Charles John Pace.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt:**

Jinghad fl-ewwel lok, li l-posizzjoni tal-ligi taghna hija kuntrarja ghal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, ghajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Ligi (artikolu 4(3) tal-Kap 16), u (artikolu 92 u 292A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta), li ebda wiehed minnhom ma jikkontempla t-thassir tal-kunjom tal-missier li huwa l-ewwel kunjom trasmess in linea ta' dixxindenza paterna u abbazi ta' liema jigi stabbilit il-kunjom tal-familja. Dwar dan hemm kawzi fil-gurisprudenza nostrana li tennew dan l-insenjament.[1]

[1] Ara **Damien Damien Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, **John Zammit noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku** P.A. deciza fit-2 ta' Marzu 1994

Illi huwa minnu wkoll li recentement, il-qrati taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' talbiet ghal bidliet tal-istat civili.[2]

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li dwar ir-rikonoxximent tad-"deed poll", f'kaz simili ghal dak taht ezami, **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, gie ribadit hekk mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2011:

*"illi ghal dak illi jirrigwarda d-"deed poll", ghalkemm din mhijiex debitament awtentika il-Qorti tara illi gie ppruvat illi l-Awtoritajiet Inglizi imxew fuq din id-"deed poll" u hargu l-passaport tal-attur f'kunjom b'kunjom missieru u ghal din il-fini giet esebita fotokopja tal-passaport Ingliz mahrug f'isem l-attur..bil-kunjom Mallia mill-Awtoritajiet Inglizi."*

F' dak il-kaz il-Qorti tal-Appell kompliet:

*"Din il-Qorti mhux sodisfatta bil-prova li saret. Ma gietx esebita kopja ufficjali ta' dan l-hekk imsejjah "deed poll", u lanqas prova tar-registrazzjoni taghha mal-awtoritajiet Inglizi…………Il-fatt li l-awtoritajiet Inglizi hargu l-passaport fuq l-attur bil-kunjom Mallia ma jistax jitqies prova ta' aktar minn dan."*

*"Fuq kollox, dan il-kaz kien jirrikjedi li tigi pprezentata kopja ufficjali tad-"deed poll" u tar-registrazzjoni taghha, u xhieda*

---

[2] Ara **Jason Paul Grixti vs Direttur tar-Registru Pubbliku** P.A. (JRM)- 24 ta' Ottubru 2002; **Leonard Ellul Mercer et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, P.A. (JRM) – 21 ta' Marzu 2002; u **J.Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, app Civ. Deciz fit-2 ta' Marzu 1994.

*tal-effetti ta' dik l-istqarrija taht il-ligi Ingliza. Din il-Qorti ma gietx infurmata jekk b'rizultat ta' dak id-"deed poll" saritx xi annotazzjoni fuq ic-certifikat tat-twelid Ingliz tal-attur, ma saritx 'proof of foreign law', f'dan il-kaz tal-ligi Ingliza, dwar il-validita` u l-effetti ta' dik id-deed poll. Dik il-prova kienet tispetta lill-attur, u skont principji ta' dritt internazzjonali privat, jekk ma ssirx tali prova, il-prezunzjoni hi li l-ligi estera hi simili ghal dik Maltija. Fil-fatt fil-kawza* ***Saliba vs Lawson****, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Frar 1932, intqal li:*

*'chi invoca in un giudizio l'applicazione di una legge straniera assume l'onore della prova dello stato di quella legge per rilevarne le differenze dalla legge locale, come dimostrazione di un punto di fatto, e non basta meramente citare quella legge;mancando tale prova, e` da applicare la legge locale.'*

*"Taht il-ligi Maltija wiehed ma jistax jirrinunzja ghall-kunjom u jadotta iehor, u kwindi, taht il-ligi Maltija, dak id-"deed poll" jitqies null. Kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li taht il-ligi Ingliza dak id-dokument hu validu u ghandu l-effetti li jippretendi."*

Il-Qorti mbaghad ikkonkludiet:

*"Ghalkemm ma hemmx zball fis-sens tal-ligi, din il-Qorti kienet tkun disposta li tordna li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega fuq l-att tat-twelid tal-attur biex jigi indikat li hu maghruf bil-kunjom 'Mallia', kieku saret il-prova fuq indikata*

*u gie muri bic-car li saret xi forma ta' registrazzjoni tal-bidla fuq ic-certifikat Ingliz, pero`, fin-nuqqas ta' din il-prova, din il-Qorti ma setghetx taqbel mat-talbiet tal-attur."*

(Ara wkoll f'dan is-sens **Damian Jean Carlo Vincent Borg *sive* Damian Pandolfino v Direttur Registru Pubbliku** decisa minn din il-Qorti kif hekk presjeduta fis-16 ta' Lulju 2015).

Ghalhekk, mill-kaz deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, jirrizulta li biex jirnexxi u l-Qorti tkun tista' tirrikonoxxi *deed poll* f'pajjiz esteru, trid issir il-prova mir-rikorrent li sar id-*deed poll,* hu validu *stante* li tingieb prova tal-effetti tieghu skont il-lgi tal-pajjiz koncernat, u li saret xi forma ta' registrazzjoni.

**<u>Applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami:</u>**

Fil-kaz odjern, ir-rikorrent wera li d-*deed poll* originali saret fl-1971, permezz ta' Dok B esebit (fol 6). *Di piu`,* regghet saret dikjarazzjoni statutorja permezz ta' avukat fl-Awstralja f'April 2016, (29-31) fejn gie anness id-*deed poll* originali (fol 32), u tirrizulta r-registrazzjoni li kienet saret dak iz-zmien fl-Ufficju tar-Registrar Generali f' Sydney l-Awstralja fl-1971 stess (fol 33). Inoltre`, jirrizulta wkoll minn kopji ta' dokumenti esebiti, u cjoe` kopja tal-passaport Awstraljan (fol 9 u fol 34), li nhareg fl-2011, li isem ir-rikorrent hu mnizzel bhal Charles John Pace. Ghalhekk, jidher li l-effetti tad-*deed poll* in kwistjoni gew rikonoxxuti, u nghataw l-effett legali necessarju skont fil-pajjiz fejn ir-rikorrenti qed

jirrisjedi, u cjoe` fl-Awstralja. Minbarra, kopja tal-passaport Awstraljan, hu esebixxa wkoll mar-rikors promotur, kopja tac-certifikat taz-zwieg li sehh f' Dicembru 2006 fl-Awstralja Dok C (fol 8) u kopja tal-licenzja tas-sewqan fl-Awstralja Dok E (fol 10) fejn isem l-attur hu rikonoxxut hekk kif tnizzel fid-*deed poll*, bhala Charles John Pace.

Fid-dawl tad-dokumenti esebiti, wara li rat l-atti kollha tal-kaz, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova r-rekwiziti legali ghar-rikonoxximent tad-deed poll, u t-talba tieghu hi ghalhekk gustifikata kif trid il-ligi.

Ikkonsidrat ukoll li ghal dak li jirrigwarda t-tibdil fl-ismijiet, ir-rikorrent pproduca provi soddisfacjenti oltre l-*deed poll* permezz tad-dokumenti esebiti u ghandu jitqies li b'hekk ukoll issoddisfa ir-rekwisiti tal-**artikolu 253(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghall-provi migbura, billi hemm qbil li l-provi prodotti jissodisfaw ir-rekwiziti legali ghar-rikonoxximent tad-"deed poll" li sar fl-Awstralja[3].

Madanakollu mhiex ser tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid fir-rigward tat-tibdil tal-kunjom billi ma sarx zball fit-termini tal-**artikolu 253(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta** izda ser tordna li ssir annotazzjoni li l-kunjom inbidel permezz tad-*deed poll* fuq evidenzjat.

[3] Verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2016.

Dan kollu premess tqies li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-ismijiet fic-certifikat tat-twelid bin-numru 629 tas-sena 1951 ghandhom ikunu "Charles John, Pasquale, Saviour" u mhux "Carmel, Pasquale, Saviour."

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-isem tal-attur fic-certifikat tat-twelid numru 629 tas-sena 1951, ghandu jkun "Charles John '' u mhux "Carmel ''

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent bin-numru 629 tas-sena 1951, billi l-kliem "Carmel, Pasquale, Saviour" jigi sostitwit bl-isem "Charles John, Pasquale, Saviour".

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent bin-numru 629 tas-sena 1951 billi l-isem "Carmel Azzopardi" jigi sostitwit bil-kliem "Charles John Pace."

Tiddikjara li permezz tad-*deed poll* debitament registrat f'Sydney, l-Awstralia fit-8 ta' Gunju 1971 (Dok B) ir-rikorrent biddel kunjomu minn' Azzopardi' ghal 'Pace' skont il-ligi

applikabbli fl-Awstralja.Ghaldaqstant tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel annotazzjoni fic-certifikat tat-twelid premess sabiex jigi rikonoxxut li r-rikorrent biddel kunjomu permezz tad-Deed Poll imsemmi u jinghata effett lil din il-bidla.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni/annotazzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta' Novembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Novembru 2016**